KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 81**

**It-Tlieta 14 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr | Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali (online) |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

**81.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**81.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet familjari. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**81.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**81.01.03** Il-Kunsillier Simon Buttigieg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet familjari. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**81.01.04** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ma rċieva l-ebda komunikat.

**81.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 80)**

**81.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 80.

**81.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-minuti ta' seduta 80 ġew approvati unanimament.

**81.03 Arising mill-minuti**

**81.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.04.03, rigward iż-żbir ta' siġar ta' fejn il-kappella ta' San Ġorġ, fejn semma li dan iż-żbir sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**81.03.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.05.04, rigward pagament numru 22, fejn kien qam id-dubju rigward kunjom il-fornitur. Huwa kkonferma li dan kien korrett.

**81.03.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.05.06, rigward il-bench slab. Huwa spjega li kien hemm bank imkisser fil-pjazza u dan ġie msewwi.

**81.03.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.06.02, rigward il-proposta tal-ATM. Huwa qal li l-perit bagħat il-pjanti u din se tiġi diskussa iktar 'il quddiem fil-laqgħa.

**81.03.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.14.05, rigward l-applikazzjoni ta' unloading bay quddiem ħanut fil-Qajjenza, li kien ressaq il-Kunsillier Johann Borg. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-kunsilliera preżenti li hemm numru ta' dettalji neqsin u għaldaqstant l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi proċessata. Semma wkoll li intbgħatu tfakkiriet lill-istess kunsillier, però ma rċieva l-ebda tweġiba.

**81.03.06** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.14.07, rigward il-laqgħa ma' Siċċa, fejn qal li din il-laqgħa kienet saret.

**81.03.07** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.14.08, rigward il-ħajt f'Tal-Papa. Huwa qal li l-istaff amministrattiv ħa ħsieb li jressaq l-applikazzjoni quddiem id-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

**81.03.08** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 80.16.03, rigward il-problema tal-ħamiem. Is-Sindku Scott Camilleri semma li mhijiex faċli li taqbad u tonsob il-ħamiem, bħalma kien ġara ftit tas-snin ilu. Huwa qal li l-persuna li kienet għamlet dax-xogħol snin ilu kienet ġiet imtellgħa l-qorti u s-sentenza nqatgħet kontriha. Spjega li issa l-proċedura ġiet iktar stabbilita biex tagħmel dat-tip ta' tracking. Semma li trid issir talba formali mill-Kunsill lil WBRU, fejn imbagħad din tgħaddi għand l-Ornis Committee u wara tintbagħat għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ministeru t'Għawdex. Wara li din tiġi aċċettata, tinħareġ fuq il-gazzetta tal-gvern u jkun jista' jibda l-proċess għall-qbid tal-ħamiem. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li jrid jiġi mħejji rapport bil-problemi eżistenti. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu biex jibda l-proċess għall-applikazzjoni tad-deroga.

**81.03.09** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk hemmx ċans li jaraw id-draft tal-ktejjeb tal-ħidma tal-Kunsill f'dawn l-aħħar 5 snin, li kellu jiġi ppubblikat. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dan għadu fi stadju bikri billi ried jieħu deċiżjoni fuq il-prijorità ta' ċerti affarijiet. Huwa semma wkoll li talab lill-Contracts Manager Dr Alessia Psaila Zammit sabiex tassistih. Il-Kunsillier Alex Caruana semma wkoll li jixtieq ikun jaf kemm se tkun l-ispiża. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li aktarx dan il-ktejjeb se jkun qed jiġi ppubblikat online sabiex l-ispiża tkun minima. Il-Kunsillier Alex Caruana wera x-xewqa li dan il-ktejjeb, b'xi mod jew ieħor, jinħareġ u li jkun tajjeb u li fil-leġiżlatura li jmiss il-Kunsill jieħu ħsieb li joħroġ żewġ pubblikazzjonijiet, waħda f'nofs is-seduta u oħra fl-aħħar tas-seduta.

**81.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**81.04.01** *Lampa ġdida f'Hal Far*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba biex issir lampa ġdida f'Ħal Far (ħdejn Gasparell). Din se tiġi tiswa €5,574.48 mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li għalissa jipproċedu qabel nitkellmu mal-Enemalta. Din se tiġi diskussa fil-laqgħa uffiċjali li jmiss.

**81.04.02** *Servizz ta' accountant*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn is-servizz ta' accountant għal din is-sena. Din l-ispiża se tiġi tiswa €4,800 fis-sena mal-istess kumpanija li ilha tipprovdilna dan is-servizz. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**81.04.03** *Servizz mas-sistema tal-payroll*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li s-servizz tal-persuna marbut mas-sistema tal-payroll se jiġi jiswa €94.40 fix-xahar. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**81.04.04** *Siġar tal-larinġ u taż-żebbuġ (marbuta mal-iskema Ġonna fl-Urban)*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nġabru tliet kwotazzjonijiet marbuta mal-iskema Ġonna fl-Urban għas-siġar tal-larinġ u taż-żebbuġ. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jinġiebu 25 siġra taż-żebbuġ u 25 siġra tal-larinġ. Minn dawn il-kwotazzjonijiet miġbura ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: A, li tiswa €24 għal kull siġra taż-żebbuġ u €35 għal kull siġra tal-larinġ. Is-Sindku Scott Camilleri talab li għalissa ssir l-

ordni biss ħalli napplikaw għall-iskema l-ewwel. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 81.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**81.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 61. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dak il-pagament huwa relatat mat-teknixin tal-IT.

**81.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk il-pagamenti relatati mal-berġa humiex se jiġu rimborżati. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li diġà bdejna niġu rimborżati fuqhom.

*Petty cash:*

**81.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 81.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**81.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar każ 008/21, rigward rapport min-naħa tal-Governanza tal-Kunsilli Lokali fejn kien hemm persuna li kellha xi ħsarat fil-vettura tagħha u ma kinitx intlaqgħet it-talba ta' rimborż min-naħa tal-Kunsill. Huwa qal li trid tintalab evalwazzjoni mill-ġdid tal-affarijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħti s-sottomissjonijiet tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk hux se tingħata risposta lil din il-persuna. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb fil-pożittiv u żied jgħid li l-Kunsill se jżomm l-istess deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-bidu.

**81.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill kien aċċetta li Birżebbuġa Aquatic Sports Club jutilizza parti mill-fondi tad-Development Planning Fund biex tissaħħan il-pixxina ħalli b'hekk tkun tista' tintuża wkoll anke fix-xitwa. Huwa qal li talab biex ikun hemm xi forma ta' MOU sabiex legalment ikun hemm x'juri li l-Kunsill qed jimxi mal-proċedura. Il-ftehim se jkun qed isir min-naħa tal-Kunsill Lokali kif ukoll min-naħa tat-tmexxija tal-klabb. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar iċ-ċifri msemmija: il-għala hemm żewġ ċifri differenti mniżżlin. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li kwalunkwe għaqda volontarja tista' tapplika għal 80% ta' proġett għal dan il-fond, u m'għandhiex bżonn il-firma tal-Kunsill, filwaqt li l-20% l-oħra jkun hemm bżonn il-firma tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li s-sħubija għall-użu ta' din il-pixxina għandha tkun bi prezz sussidjat għar-residenti ta' Birżebbuġa. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta. L-iffirmar tal-ftehim se jsir nhar il-25 ta' Mejju 2024.

**81.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna l-fondi tal-LESA biex jinxtara l-vann tal-elettriku. Din se tiġi diskussa iktar 'il quddiem fil-laqgħa.

**81.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-24 ta' Mejju 2024, uffiċjalment, se jinfetaħ il-bandli fi Ġnien il-Kunsill f'Tal-Papa.

## 81.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**81.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet mozzjoni fl-10 ta' Mejju 2024 bis-suġġett *4 parkeġġi riservati għall-użu ta' karavans u camper vans fil-parkeġġ il-miftuħ ta' Wied il-Buni*. Huwa ta deskrizzjoni qasira ta' din il-mozzjoni, li qed tiġi proposta mis-Sindku Scott Camilleri u sekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa l-għala ntużat dik il-parti biex jipparkjaw il-karavans/camper vans; l-iktar parti li persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu użu minnha. Huwa ssuġġerixxa li l-parkeġġi jsiru naħa oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan u l-parkeġġi se jersqu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li dawn il-parkeġġi se jiġu numerati. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa wkoll x'se jiġri minħabba d-dranaġġ. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fuq it-tabella se ssir lista ta' kundizzjonijiet billi d-dranaġġ ma jistax jintrema fil-baħar. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil insistiet li l-permess tal-parkeġġ li se jkun qed jiġi mikri jkun ibbażat fuq l-indirizz residenzjali u mhux fuq ismijiet differenti ta' membri fl-istess familja, biex b'hekk kulħadd ikollu l-opportunità li jgawdi dal-ispazju. Il-permess se jibda jsir għal tmiem il-ġimgħa biss sa massimu ta' tlett ijiem (Ġimgħa, Sibt u Ħadd). Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

Favur: 5 Astensjonijiet: 0 Kontra: 0

Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu.

## 81.08 Korrispondenza

*Fis-18:30 ingħaqad il-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea f'telefonata bil-vidjow.*

**81.08.01** Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni fuq l-applikazzjoni PA 2425/24, biex issir pjattaforma tal-injam ħalli jkunu jistgħu jiżdiedu l-imwejjed u s-siġġijiet fuq barra ta' dan il-ħanut. Huwa semma li rridu niżguraw li kemm is-sigurtà tal-okkupanti kif ukoll ta' min ikun għaddej tingħata prijorità. Huwa spjega wkoll li l-bankina mhux se tkun qed tintmess billi l-pjattaforma se ssir fil-parkeġġ eżistenti ta' quddiem il-ħanut. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li l-pjattaforma tingħalaq bil-barriers, kemm għas-sigurtà kif ukoll biex ma jiżdiedx l-ammont ta' mwejjed. Huwa insista wkoll li tintuża kaxxa ta' parkeġġ waħda biss għal din il-pjattaforma. Kien hemm qbil unanimu fuq ir-rakkomandazzjonijiet li semma Dr Alexander Borg Galea.

**81.08.02** Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni fuq il-policy P35. Semma li fiha hemm dettalji fuq l-għoli tas-sulari. Huwa semma wkoll li jista' jsir kuntatt mal-kamra tal-periti biex jiggwidawna aħjar. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa x'ħa taffettwa u li biha xorta se nibqgħu l-istess. Dr Alexander Borg Galea wieġeb li din stabilixxiet iktar informazzjoni billi sular jista' jiġi interpretat differenti. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa dwar ir-riperkussjonijiet fuq il-lokalità. Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea wieġeb li m'għandux ikun hemm riperkussjonijiet kbar. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Dr Alexander Borg Galea sabiex jagħmel kuntatt mal-perit tal-Kunsill u jgħaddiha b'email ħalli tittieħed deċiżjoni.

**81.08.03** Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea tkellem fuq il-permess IP 0002/21/V3: Delimara Power Station. Dan huwa permess mill-ERA biex tibqa' topera mil-lat ambjentali. Il-Kunsilliera Maria Mifsud ġiet skużata għal ftit mil-laqgħa. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-Kunsilliera Maria Mifsud ġiet skużata billi fil-materja tax-xogħol tagħha jista' jkun hemm kunflitt t'interess fuq dawn it-tipi ta' permessi. Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea kompla jispjega li din il-varjazzjoni hija ffukata fuq l-installazzjoni ta' generators li ħa jaħdmu bid-diżil. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk dawn il-generators hux ħa jintużaw biss f'każ ta' emerġenza. Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea kkonferma dan u qal li l-kumpanija speċifikat li dawn se jintużaw għal mhux iktar minn 500 siegħa fi 3 snin u li dawn huma temporanji sakemm jiġi installat it-tieni interconnector. Qal ukoll li jekk jinżamm dan it-time frame aktarx mhux ħa tiġi affettwata l-kwalità tal-arja. Il-kunsilliera qablu li Dr Alexander Borg Galea, f'isem il-Kunsill Lokali, jagħmel is-sottomissjoni. Wara din id-diskussjoni daħlet lura fil-kamra l-Kunsilliera Maria Mifsud.

**81.08.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-korrispondenza li daħlet dakinhar filgħodu marbuta ma' riżenja ta' impjegata tal-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra tar-riżenja tal-impjegata u qablu li jibda l-proċess għal sejħa sabiex jimtela l-post tal-impjegat/a fi skala 13, bis-salarju jkun imħallas mill-fondi tal-Kunsill.

**81.08.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar korrispondenza oħra fejn il-Kunsill ġie mitlub minn Birżebbuġa St Peter's sabiex bħal kull sena jiġġedded il-permess għall-organizzazzjoni tat-tombla f'Wesgħa Carmelo Caruana, il-Bajja s-Sabiħa. Kien hemm qbil unanimu fuq din it-talba.

**81.08.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab kopja tal-business plan 2024-2028. Spjega wkoll li dan se jsir wara li jinħatar Kunsill ġdid.

## 81.09 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager

**81.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li, mir-rapport tal-contracts manager, fl-aħħar ġimgħat beda l-proċess għall-aġġudikazzjoni ta' żewġ tenders: dak tal-bulky refuse u dak tal-car park, fejn ingħalaq il-proċess biex issir l-evalwazzjoni.

**81.09.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġiet ikkordinata data biex jidher ir-riklam dwar il-pubblikazzjoni tat-tender tal-ġonna.

**81.09.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar ġimgħat intbagħtu emendi għall-abbozz tal-MOU lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex jiġi determinat l-ammont tal-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi għal dan is-servizz.

**81.09.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li sar ukoll l-abbozz ta' memorandum ta' ftehim ma' Birżebbuġa Aquatic Sports Club, hekk kif ġie diskuss iktar qabel fil-laqgħa.

**89.09.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġew ikkordinati wkoll il-ġranet għat-tisqija ta' pots, hekk kif il-Kunsill qed jagħmel tisqija oħra fil-ġimgħa għax-xhur sħan tar-rebbiegħa u s-sajf u li t-tisqija addizzjonali qed issir kull nhar ta' Tnejn, filwaqt li t-tisqija mill-kuntrattur qed issir kull nhar ta' Hamis.

**89.09.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar ġimgħat ġew ikkordinati wkoll diversi talbiet fuq ġbir ta' skart, tbattil ta' skips u tindif tal-madwar, u żbir ta' siġar. Qal ukoll li ġew ikkordinati talbiet fuq il-latrini u biex jiġu ttrattati ħsarat fil-latrini.

**89.09.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li qed tiġi kkordinata wkoll notifika lill-kuntrattur tal-latrini sabiex meta jkun hemm bżonn ta' interventi urġenti waqt li l-Kunsill ikun magħluq, dan ikun jista' jsegwi proċedura speċifika għal xogħlijiet ta' emerġenza u dejjem iżomm lill-Kunsill infurmat permezz tal-contracts manager.

## 81.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**81.10.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsilliera.

## 81.11 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**81.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar ir-railing tal-Qajjenza. Huwa spjega li fil-ġimgħat li għaddew kellu korrispondenza mal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, fejn dawn offrew li matul ix-xahar ta' Mejju l-ħaddiema tar-Reġjun jgħinuna fit-tisbiħ tal-lokalità u l-Kunsill xtaq li dawn jibdew ir-railing tal-Qajjenza, però wasal nofs ix-xahar u dawn il-ħaddiema għadhom ma ġewx fil-lokalità ta' Birżebbuġa

**81.11.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta tifkira lill-membri tal-Kunsill bħala ringrazzjament għax-xogħol li wettqu matul it-8 leġiżlatura.

## 81.12 Reply Management Letter 2023

**81.12.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni qasira rigward ir-risposta li se tingħata dwar il-management letter wara li sar l-awditjar fil-ġimgħat li għaddew. Hija semmiet li kien hemm 3 punti, fosthom kien hemm xi kontijiet pendenti min-naħa tal-LESA li issa ġew imħallsa.

**81.12.02** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff semmiet punt ieħor, rigward l-ammont li l-Kunsill għandu jirċievi mingħand Żurrieq Joint Committee. Dwar dan għadhom għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi qal li wara li kien hemm laqgħa online l-Kunsill għadu bla direzzjoni.

**81.12.03** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff semmiet it-3 punt, rigward diffikultà fuq xi kredituri li huma outstanding. Min-naħa tal-Lands id-diffikultà ssolviet. Hemm bilanċ lejn Żurrieq Joint Committee li huwa miżmum biex ipatti għall-ammont li l-Kunsill għandu jirċievi mill-istess entità. Bilanċ ieħor kien jirrigwardja lil Compleet Services, li fil-kont tagħna ma jidhirx li huwa pendenti. Il-bilanċ tal-WasteServ se jiġi vverifikat sabiex ikun jista' jiġi ssetiljat ukoll. Il-kontijiet tal-eks kuntrattur tal-bulky refuse kienu għadhom mhux issetiljati fi żmien l-awditjar iżda issa ġew issetiljati u l-pagament se jinħareġ fil-jiem li ġejjin. Rigward il-bilanċ ta' Alfred Schembri & Sons, dan għadu pendenti billi l-Kunsill qed jistenna gwida legali.

**81.12.04** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lis-Sa Doreen Mintoff, lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-istaff amministrattiv għall-mod ta' kif imxiet il-ħidma fiż-

żmien tal-awditjar u li l-problemi li baqa', għalkemm sar minn kollox biex jiġu solvuti f'5 snin, kienu ta' natura kumplikata u ma kienx jiddependi biss mill-istaff tal-Kunsill.

**81.13 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti BLC/T/1/2024**

**81.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-evalwazzjoni tat-tender tal-bulky fejn intefgħu 6 applikazzjonijiet, però waħda minnhom ma kinitx tikkwalifika billi l-vettura m'għandhiex ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. L-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Environmental Recycling Services Co. Ltd li tammonta għal €43,850. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

**81.13.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil intervjeniet billi qalet li rċiviet messaġġ mingħand qariba tal-bidder li ġie skwalifikat, fejn qaltilha li dan kellu kollox kif suppost. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li biex l-affarijiet ikunu ċari hemm sistema biex tiċċekkja r-rapport u tara minn hemm għal xiex ma jkunx ikkwalifika.

**81.14 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi**

**81.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma korrispondenza bejn il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsillier Alex Caruana rigward stands għar-roti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li informa lill-kuntrattur attwali tal-bandli u dan se jissupplixxi dawn l-istands. Il-Kunsillier Alex Caruana għamel xi suġġerimenti ta' fejn għandhom jiġu installati, fosthom ix-xatt tal-Qajjenza (fil-biċċa l-wiesgħa), il-Bajja s-Sabiħa, il-parkeġġ ta' Wied il-Buni, ħdejn il-ġnien ta' San Ġorġ, u l-pjazza fejn il-knisja. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana biex jitkellem mal-foreman ħalli jieħu r-ritratti ta' fejn se jiġu. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**81.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti deskrizzjoni qasira dwar l-ATM ta' Triq FM Ferretti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-pjanta għandha tmur għall-konsultazzjoni tar-residenti. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li hemm proċess qabel din issir però l-argument kien jekk jinqabilx li ssir f'dik iż-żona. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir f'dik iż-żona.

**81.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar rotta 82, fejn preżenta rapport tas-site visit li ntalbet li ssir min-naħa ta' Transport Malta biex jindirizzaw il-problema ta' Triq Ta' Feliċjan u Triq il-Port Ħieles (il-parti t'isfel). Huwa spjega li kien hemm problema ta' parkeġġ illegali, li dan m'għadux isir u l-problema naqset, iżda baqa' l-problema ta' speċi ta' tumbata/għolja sabiex l-ilma tax xita ma jinżilx 'l isfel. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dik il-bankina ma qabilx li ssir hekk u li minflok kellu jsir culvert. Is-Sindku Scott Camilleri qal li biex titwessa' l-kurvatura, Transport Malta qed tissuġġerixxi li tiżdied il-crash barrier iktar fit-tul biex ma jkunx hemm nies li jaqgħu għal isfel biex tiġi livell ma' Triq Ta' Feliċjan. Huwa spjega li din trid issir minn Infrastructure Malta u mhux mill-Kunsill. Semma wkoll diffikultà oħra dwar l-angolu biex iddur minn Triq Ta' Feliċjan għal Triq il-Port Ħieles. Qal li Infrastructure Malta ġew infurmati bis-sitwazzjoni, fejn dawn tal-aħħar talbu biex ikollhom clearances kemm min-naħa tal-Lands kif ukoll minn Transport Malta. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kellmu lill-periti tal-Kunsill biex jindirizzaw il-kurvatura li talbu fiż-żona sabiex titwessa' t-triq. Qal li min-naħa tagħhom qed jissuġġerixxu li jitneħħew tliet parkeġġi eżistenti. Is-Sindku Scott Camilleri qal ukoll li fi Triq Dun Ġorġ Zammit hemm stop sign u li fuqha hemm tumbata li saret sabiex l-ilma li jiġi ma jinżilx fi

Triq il-Port Hieles u jgħerreq iż-żona ta' Triq San Edwardu. Qed jiġi suġġerit mill-awtoritajiet biex din it-tumbata tiġi iktar baxxa però mbagħad se tinħoloq problema oħra meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku Scott Camilleri qal li trid issir talba lil Infrastructure Malta. Rigward it-telf ta' parkeġġi, is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill għamel talba lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex titnaddaf il-biċċa żdingata li hemm fi Triq Tal-Papa, Triq Dun Ġorġ Zammit u Triq Ta' Feliċjan. Huma talbuna land's clearance li għandha toħroġ dil-ġimgħa biex tkun tista' titnaddaf dil-biċċa u jkun hemm post għall-parkeġġi.

**81.14.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet email fejn semmiet li kellmitha residenta li toqgħod fi Triq Tal-Ġebel u li toħroġ bit-tfal u l-pushchair ta' spiss. Il-problema li għandha dir-residenta hija li meta jkun hemm il-karozzi pparkjati ma tkunx tista' tgħaddi minn fuq il-bankina għax fuq naħa tal-bankina hemm taraġ u fuq in-naħa l-oħra hemm rampa tal-ħadid, kif ukoll sar parkeġġ riservat ukoll. Din qed titlob li quddiem il-bieb jitħalla passaġġ ta' metru bejn il-parkeġġi biex tkun tista' tgħaddi bil-pushchair bla problemi. Is-Sindku Scott Camilleri qal li trid tintbagħat talba uffiċjali lill-Awtorità tad-Djar u jiġu kkupjati wkoll Transport Malta biex jindirizzaw ir-rampi kollha li hemm f'dik il-parti.

**81.14.05** Is-Sindku Scott Camilleri qal li qamet problema fi Triq il-Kartaġiniżi. Hemm garaxx li joffri servizz ta' taxi u li għandu vetturi kbar. Dan kien talab sabiex faċċata jsiru linji sofor. Il-Kunsill, skont il-proċedura, kien applika ma' Transport Malta fejn dawn tawh il-permess sabiex isiru. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm residenta li lmentat għax il-linji sofor ġew quddiem il-propjetà tagħha wkoll. Spjega li ftit tal-ġimgħat ilu saret linja minn Transport Malta quddiem din ir-residenza. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li dil-linja saret biex il-persuna tkun tista' toħroġ. Persuna tista' tipparkja quddiem il-garaxx tagħha sakemm qiegħda tħott jew tgħabbi u ma tistax tħalli l-vettura hemm għal ħin twil. Ftit wara li r-residenta lmentat, Transport Malta biddlet il-proċedura. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fl-aħħar jiem irċivejna ittra legali mingħand dan ir-resident fejn qed jilmenta li mhux qed igawdi d-dritt li jipparkja l-karozza tiegħu quddiem il-garaxx hekk kif il-ġirien m'għandhomx dawn it-tip ta' linji quddiemhom. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li dal-każ jerġa' jiġi riferit lil Transport Malta iżda qabel se jitkellem mal-avukat tal-Kunsill.

**81.14.06** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-ħanut Miracle Foods, li jinsab f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, talab li titneħħa l-kurduna biex ikun jista' jgħaddi bil-palletizer. Il-Kunsilliera preżenti qablu li din titneħħa għax kienet bla użu.

**81.14.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk kienx issemma li se jinbidel xi ħaġa mill-one-ways tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn konna applikajna għalihom.

**81.15 Proġetti u skemi**

**81.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill irċieva €33,000 mil-LESA sabiex japplika għal vann fil-komunità. Ġiet preżentata kopja tal-ispeċifikazzjonijiet ta' kif se jkun qed jinħareġ it-tender ta' dan il-vann. Il-kunsilliera preżenti qablu fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

## 81.16 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**81.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ċċekkja mal-foreman dwar min qed jutilizza l-iskips ta' Triq il-Brolli. Qal li mid-dehra dawn jintużaw darba fill u li nistgħu nerġgħu mmorru lura għas-sistema tal-borża. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li tkellmet ma' residenta mill-istess triq u qaltilha li hemmhekk m'hemmx wisq residenti. Is-Sindku Scott Camilleri talab li jitnaddfu l-iskips u wara jitneħħew minn hemm.

**81.16.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li wasal l-ixkaffar il-ġdid tal-librerija u dawn se jiġu installati dalwaqt.

## 81.17 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**81.17.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 81.18 Affarijiet oħra

**81.18.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 81.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**81.19.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024, fil-17:00.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |